ĦARĠA NUMRU 28 - XITWA 2021

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



# Editorjal

Għeżież qarrejja,

Wasalna fl-istaġun tax-xitwa, staġun li jġib miegħu għeluq ta' sena oħra. Staġun li fih niċċelebraw il-festa tant għal qalb il-Maltin u l-Għawdxin, il-festa tal-Milied. F'dawn il-ġranet ta' festi filwaqt wieħed igawdi l-kumpanija tal-familja tiegħu, niefqu nirriflettu fuq is-sena li għaddiet u nagħmlu proponimenti u pjanijiet għas-sena li ġejja.

F'din l-edizzjoni ta' Nisġet Artna sejrin tiltaqgħu ma' siltiet varji li ser itukom aktar informazzjoni dwar ix-xogħol li jsir fi ħdan id-dipartimenti u d-direttorati tal-Ministeru tagħna. Nispera li l-artikli li sejrin taqraw ikunu ta' interess għalikom u nixtieq li bħala qarrejja tibagħtulna l-ħsibijiet u l-opinjonijiet dwar dak li tkunu qrajtu kif ukoll jekk ikollkom xi suġġerimenti. Dan tistgħu tagħmluh billi jew tibagħtu email fuq nisgetartna.mafa@gov.mt, tibagħtu messaġġ fuq il-paġna ta' Facebook 'Nisġet Artna', kif ukoll permezz tal-posta f'dan l-indirizz: Nisġet Artna, Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Research and Innovation Hub, Il-Marsa, MRS 3303.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lill-kollegi tiegħi tal-ħidma kontinwa li titwettaq sabiex titwassal din ir-rivista fid-djar taghkom. Fl-istess ħin nixtieq nawguralkom Milied hieni u sena ġdida mimlija ferħ u paċi.

Tislijiet,
**Estelle Bonello Sant**

# Nisġet Artna


Pubblikazzjoni maħruġa
Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali

**Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni**
Agriculture Reasearch and Innovation Hub
L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303




*Ritratt meħud minn Sebastian Falzon*


**Editur**
Estelle Bonello Sant

**Qari tal-provi**
Proofreading Malta

**Kontributuri**
Bjorn Azzopardi
Stephen Spiteri
Matthew Tabone
Louis John Fresta
Charlot Attard
Neil J Tirchett
Robert Cutajar
Marija Zammit
David Coleiro
Arnold Sciberras
Jeffrey Sciberras
George Farrugia
Simone Galea
Matthew Laspina
Kimberly Terribile
Dr Alicia Bugeja Said
Michelle Sammut

**Stampar**
Government Printing Press

**Disinn**
Outlook coop


# Il-Werrej


3 Messaġġ mill-Ministru
4 Il-Kummerċ fl-Unjoni Ewropea
5 L-Ewwel Edizzjoni tal-*Animal Honours Awards* f'Malta
6-7 L-Effett tat-Temperatura fuq il-Produzzjoni u l-Kwalità tal-Isperma tal-Fniek
8 Wara SkolaSajf, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali issa preżenti wkoll fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum
9 Malta b'Aċċess għat-Tħaddim ta' Prattiċi Aktar Sostenibbli fl-Agrikoltura
10 Prova Dwar L-Għalf
11 Il-Proġett ta' Koimmaniġġjar tas-Sajd
12-13 L-Importanza tal-Integrazzjoni tal-Ħut li Mhuwiex Utilizzat fil-Komunitajiet u Swieq Maltin u Għawdxin
14 Is-6 Edizzjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Fenek
15 Proġett ta' Restawr fuq Binja Antika fiċ-Ċentru Nazzjonali għall-Vitikultura u l-Enoloġija
16-17 It-Tnedija tal-Kampanja ta' Promozzjoni ta' Diversi Skemi ta' Agri Kwalità
18-19 Ir-rinovar tal-Laboratorju għas-Servizzi Agrikoli
20 Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura
21-22 Il-Laboratorju tad-Dijanjostika fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti
23-24 Klieb li ma Jkunux Kuntenti Jistgħu Jdejqu lill-Ġirien
25-26 Is-Servizzi Ta' AgriConnect
27-28 Regolament (EU) 2019/6 Liġi Ġdida tal-UE Rigward il-Mediċina Veterinarja
29 Skema ta' Kumpens għal Sajd Sostenibbli
30-31 Siġra tal-Milied

# Messaġġ mill-Ministru

Għeżież,
Resqin lejn tmiem ta' sena oħra, fejn matul dawn l-aħħar xhur ħdimna bla heda sabiex inkomplu nsostnu u nelevaw l-oqsma li naħdmu fihom. Issa li l-pandemija bdiet ittaffi, irridu nħarsu 'l quddiem u fuq kollox nissoktaw bit-twettiq tal-viżjoni tagħna.

Fost il-proġetti riċenti rrid insemmi t-twaqqif tal-Aġenzija responsabbli mill-ikel li ser ikollha rwol importanti fil-pjan tagħna sabiex nagħmlu s-settur agrikolu aktar sostenibbli. Filwaqt li ser naħdmu sabiex jiġu adottati għadd ta' proċeduri u prattiċi ġodda, ser inkunu qegħdin niżviluppaw politika nazzjonali għall-katina ta' ikel iktar b'saħħitha bl-għan li negħlbu l-isfidi u noħolqu opportunitajiet fid-diversi oqsma li jmissu mal-produzzjoni tal-ikel.

Il-Baġit imressaq ftit tal-ġimgħat ilu ser iwitti t-triq sabiex il-viżjoni tagħna tibda titwettaq. Fost numru ta' miżuri importanti fil-Baġit, tħabbar kif ser inkunu qed ninvestu fil-faċilitajiet meħtieġa sabiex inbigħu l-frott u l-ħaxix tal-bdiewa tagħna b'mod li jkun ippakkjat u ppreżentat aħjar, skont standards tas-suq u biex jintgħaraf minn prodotti oħrajn. Ġiet imħabbra wkoll assistenza sabiex il-bdiewa jtejbu l-kwalità tal-prodotti tagħhom u jiksbu ċertifikazzjoni.

L-impenn tagħna, b'konformità ma' miri stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea ser jissokta. Wieħed mill-aktar proġetti għal qalbi huwa dak tal-produzzjoni ta' prodotti organiċi, sfida għall-ministeru imma li se nkunu qegħdin negħlbu u nwettqu flimkien. Wieħed jifhem li ċ-ċokon ta' pajjiżna ser jagħmel dan l-impenn aktar diffiċli iżda ninsabu determinati li pajjiżna jimxi 'l quddiem f'dan l-aspett ukoll.

Inizjattiva oħra li ser inkunu qed inniedu hija dik tal-*carbon farming* fejn ser nagħtu grants sa massimu ta' €8,000 biex ninċentivaw bdiewa li għandhom rabà agrikola li mhix tinħadem jew li bħalissa hija barra mill-produzzjoni jew taħt produzzjoni b'valur baxx, sabiex tinbidel f'sistema ta' Agroforestrija bbażata fuq siġar tal-frott. Għaddejja wkoll ħidma b'impenn b'saħħtu fl-oqsma marittimi, is-sajd u l-akkwakultura. Fejn matul is-snin li ġejjin ser inkunu qegħdin namministraw 29 miljun ewro b'fondi ta' investiment.

Wieħed ma jistax jinsa wkoll id-drittijiet tal-annimali fejn qegħdin naħdmu b'impenn biex intejbu r-reputazzjoni ta' dan is-settur. Għalkemm ħafna drabi nisimgħu b'każijiet koroh li jkunu ġraw, ma nistgħux ninsew it-tajjeb ukoll li jsir mill-ħafna *feeders*, voluntiera u ħaddiema tal-istess direttorat li jistinkaw b'impenn qawwi għal dawn l-annimali. Għalhekk din is-sena nedejna l-ewwel edizzjoni tal-*Animal Honours Awards* biex nippremjaw lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom dan is-settur.

Ninsabu lkoll imħeġġa għall-ġejjieni, għaliex filwaqt li nirrikonoxxu l-isfidi, ma qtajniex qalbna u b'sinerġija mal-bdiewa, ir-raħħala, is-sajjieda u dawk kollha li għandhom għal qalbhom id-drittijiet tal-annimali, qegħdin naħdmu f'dawn l-oqsma sabiex nelevaw dawn is-setturi.

Minn qalbi, nirringrazzja lil dawk kollha li qegħdin jagħtu s-sehem tagħhom.

Nibqgħu dejjem f'kuntatt.

Tislijiet sinċiera,

Anton Refalo

*Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali.*



**Anton Refalo**
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali

# Il-Kummerċ fl-Unjoni Ewropea

Kitba ta'
**MALCOLM VASSALLO**
*Senior Manager, Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali*

Meta nisimgħu dwar is-Suq Intern fl-Unjoni Ewropea, hemm tendenza li naħsbu l-ewwel fuq il-moviment tal-prodotti bejn pajjiż tal-UE u ieħor, fejn jaqsam il-fruntieri bla kontrolli tad-dwana jew impożizzjoni ta' dazji. Il-Politika Kummerċjali Komuni tal-Unjoni Ewropea tistipula li l-Istati Membri tal-Unjoni jiddelegaw l-awtorità tagħhom lill-Kummissjoni Ewropea fejn jidħlu negozjati dwar relazzjonijiet kummerċjali esterni, ma' pajjiżi li mhumiex parti mill-UE. Dan isir bil-għan li tissaħħaħ is-setgħa ta' negozjar mal-bqija tad-dinja u jkun hemm uniformità fil-mod ta' kif jidħlu prodotti għall-ewwel darba fis-suq intern.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni Ewropea għandha r-responsabbiltà li tinnegozja ftehimiet ma' pajjiżi terzi sabiex jiġi żgurat kummerċ ġust. Tali ftehimiet huma marbutin biż-żmien u għaldaqstant ir-regolamenti li jirregolaw l importazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti jiġu riveduti b'mod regolari.

Ġewwa Malta, l-awtorità li toħroġ liċenzji għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli hija l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), li taqa' taħt il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA). Għaldaqstant l-Aġenzija għandha r-responsabbiltà li toħroġ żewġ tipi ta' liċenzji:

**Liċenzji ta' Sorveljanza regolati taħt ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

Din il-liċenzja ma tagħmel ebda restrizzjoni fuq il-kwantità ta' prodott importat u minn fejn tali prodotti qed joriġinaw, hekk kif stipulat mill-Artikolu 176(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Dan ifisser li operaturi jistgħu japplikaw għal tali liċenzji mingħajr ma jkollhom jistennew il-pubblikazzjoni tal-allokazzjonijiet possibbli mill-Kummissjoni Ewropea, iżda jkollhom iħallsu bis-sħiħ id-dazju tad-dwana li japplika għall-prodott agrikolu li jrid jiġi importat.

**Liċenzji ta' Kwota regolati taħt ir-Regolamenti (UE) Nri 2020/760 u 2020/761**

Operaturi ekonomiċi japplikaw għal din il-liċenzja abbażi ta' kwota ta' tariffi stabbiliti skont in-notifika ta' koeffiċjent ta' allokazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant, dawn il-liċenzji jistipulaw il-kummerċ ta' prodotti taħt dazji preferenzjali, jiġifieri persentaġġ imnaqqas tal-ammont totali tal-kummerċ li qed isir. Dan il-koeffiċjent huwa persentaġġ li jiġi applikat għall-kwantità mitluba fl-applikazzjoni tal-operatur biex b'hekk jippermetti l-kummerċ tal-kwantità mitluba. Il-Kummissjoni



tikkalkula dan il-koeffiċjent skont id-domanda u l-provvista fuq l-ammont globali ta' applikazzjonijiet sottomessi mill-Istati Membri għall-kwota rispettiva. Dan ifisser li jista' jkun hemm każijiet fejn l-importatur ikun projbit milli jimporta l-kwantità totali li applika għaliha, minħabba li l-kwantità permessibbli tiddependi wkoll fuq il-kwantitajiet li saru applikazzjonijiet għalihom fi Stati Membri oħra.

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) taħdem mill-qrib mad-Dipartiment tad-Dwana sabiex tassisti operaturi ekonomiċi billi japplikaw għal-liċenzji xierqa biex b'hekk jiġu evitati ċerti dazji relatati mal-importazzjoni. Għaldaqstant, jekk wieħed jixtieq aktar informazzjoni dwar dawn il-liċenzji u dwar il-proċess applikabbli għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli jista' jaċċessa l-linji gwida dettaljati għal operaturi ekonomiċi li jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt. Barra minn hekk jista' jsir ukoll kuntatt dirett mal-Aġenzija permezz tat-telephone fuq 22 926 148 jew billi tintbagħat email fuq arpa.mafa@gov.mt / arpa-mmu.mafa@gov.mt.

# L-Ewwel Edizzjoni tal-*Animal Honours Awards* f'Malta









Propju fil-jum dinji tal-annimali u fil-festa ta' San Franġisk t'Assisi, li huwa l-Patrun tal-Annimali, ittellgħet l-ewwel edizzjoni tal-*Animal Honours Awards* fil-preżenza tal-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo, Dr Lydia Abela u kif ukoll Il-Kummissarju għat-Trattament Xieraqtal-Annimali, Alison Bezzina.

L-għan ewlieni tal-*Animal Honours Awards* huwa li titqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet u l-ħarsien tal-Annimali.

Kien hemm 781 sottomissjoni għal 20 kategorija differenti. Il-Ministru Refalo qal li din il konkorrenza tikkonferma kemm kien hemm bżonn ta' avveniment bħal dan li jagħti l-opportunità biex jiġi rrikonoxxut ix-xogħol iebes li jsir biex jitħarsu l-annimali tagħna.

Il-Bord tal-Aġġudikaturi għarbel in-nominazzjonijiet kollha sabiex jiddeterminaw il-finalisti. Il-Ministru Refalo rringrazzja lit-tim fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali li ta l-ħajja lil din il-viżjoni u li bis-saħħa tagħhom saret realtà. Huwa rringrazzja wkoll lill-Uffiċċju Il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għall-kollaborazzjoni tagħhom u kif ukoll id-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali speċjalment l-istaff u l-voluntiera kollha li jaħdmu għall-benesseri tal-annimali li jiġu salvati, riabilitati u li tinstabilhom dar mill-ġdid.

Il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali Alison Bezzina esprimiet il-gratitudni tagħha lejn dawk kollha li jaħdmu biex itejbu l-ħajja tal-annimali. "Kien hemm ħafna li ġew nominati iżda hemm ukoll għexieren oħrajn li jagħmlu xogħol brillanti li ma jidhirx. Huma wkoll jistħoqqilhom it-tifħir tagħna għax kulma jagħmlu hu għall-annimali. Avveniment bħal dan huwa importanti għax jgħolli s-suġġett tal-benesseri tal-annimali iktar 'il fuq fl-aġenda nazzjonali u fl-imħuħ tan-nies. Għalhekk nispera li dan isir avveniment permanenti fil-kalendarju nazzjonali tagħna."



L-għoxrin kategorija kienu jonoraw kemm lill-annimali u wkoll lin-nies li bl-akbar għożża jieħdu ħsieb il-benesseri tagħhom bi premji bħal *L-Aqwa Organizzazzjoni Volontarja b'ħidma favur l-Annimali* u *L-Aħjar Kunsill Lokali b'ħidma favur l-Annimali.* Kien hemm kategoriji li jonoraw l-annimali bħall-*Premju għall-Annimal bl-Uniformi* fejn ġew nominati annimali li jagħmlu xogħol siewi fis-soċjetà. Kien hemm *Premju għall-Annimal Domestiku Addottat tas-Sena*, premju li jonora wieħed mill-isbaħ ġesti li annimal domestiku jista' jirċievi – li jiġi addottat minn familja li tħobbu u tgħożżu.

Hemm aktar kategoriji u tistgħu ssibu l-lista tagħhom bir-rebbieħa fis-sit tal-Animal Honours Awards: http://animalawards.gov.mt/.

# L-Effett tat-Temperatura fuq il-Produzzjoni u l-Kwalità tal-Isperma tal-Fniek

Kitba ta'
SARAH FARRUGIA
*(Studenta tal-MCAST)*

JOSEPH ABELA
*(lekċerer full-time)*

**Il-fenek hawn Malta dejjem kien parti importanti mill-gastronomija tagħna. Il-laħam tal-fenek huwa meqjus bħala laħam abjad u nieqes mix-xaħam. Il-fniek jiġu mrobbija ġo rziezet kbar li jagħmlu minn kollox biex iżommu lil dawn l-annimali fl-aħjar stat.**

It-temperaturi, kemm barra kif ukoll ġewwa l-maħżen, jilagħbu rwol importanti biex il-fenek jinżamm kuntent. Dawn it-temperaturi jvarjaw bejn l-istaġuni u dan l-istudju proprju ra kif il-varjazzjoni fit-temperatura taffettwa l-kwalità tal-isperma u allura r-riproduzzjoni fil-fenkiet.

Il-fniek li ntużaw għal din ir-riċerka kienu fniek "Hyla". L-inseminazzjoni artifiċjali llum il-ġurnata hija użata kważi fuq kull razzett kummerċjali peress li biha wieħed inaqqas in-numru ta' fniek irġiel imwielda fuq ir-razzett. Wieħed jista' wkoll janalizza l-kwalità tal-isperma qabel din tintuża waqt il-lqħammir. B'hekk ir-raħħal ikun qed jagħmel l-aħjar użu mir-riżorsi li għandu u għalhekk ikun jista' jibqa' kompetittiv fis-suq.

Din ir-riċerka kienet maqsuma fuq disa' xhur. L-isperma nġabret kull ġimgħa minn grupp ta' għaxart ifniek bl-użu ta' vaġina artifiċjali. Kampjun żgħir minnha ttieħdet fil-laboratorju taċ-Ċentru għall-Agrikoltura, Akkwatika u Xjenzi tal-Annimali tal-MCAST u ġiet studjata taħt mikroskopju. Ġew studjati l-motilità tal-isperma (jiġifieri kemm tiċċaqlaq jew tkun attiva l-isperma), id-difetti li fiha u l-konċentrazzjoni tagħha. Iktar mal-isperma tkun attiva iktar ikun hemm ċans li tasal ħdejn il-bajd li tipproduċi l-fenka u allura jwassal għal produzzjoni ta' aktar żrameġ.

Id-difetti fl-isperma jaffettwaw in-numru ta' sperma li tkun kapaċi tasal biex tiffertilizza l-bajd tal-fenka. Iktar mal-isperma jkollha difetti, iktar jiżdied iċ-ċans li l-fenka ma toħbolx jew li taqta' numri żgħar ta' żrameġ. Il-konċentrazzjoni tilgħab ukoll irwol importanti








d-difetti tal-isperma fl-istaġuni differenti.

Dawn il-fatturi jaffettwaw kemm il-produzzjoni tal-fniek kif ukoll il-but tar-raħħal. Iktar mal-produzzjoni tal-fniek tkun effiċjenti, iktar tirriżulta fi prezzijiet kompetittivi għall-konsumatur. B'hekk din l-industrija tant għal qalb il-Maltin tkun tista' tibqa' tikber u tforni lill-konsumatur Malti b'laħam tal-fenek frisk u ta' kwalità tajba, filwaqt li nassiguraw li jiġi mrobbi fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

peress li fl-inseminazzjoni artifiċjali l-isperma tintuża fuq numru ta' fenkiet u l-ammont ta' fenkiet li jiġu mgħammra minn kollezzjoni waħda li tittieħed mill-fenek jiddependi mill-konċentrazzjoni tagħha. Dan ifisser li iktar mal-isperma tkun konċentrata, jogħla l-potenzjal tagħha biex tintuża fuq aktar fenkiet. Normalment kampjun wieħed jintuża biex jitgħammru għaxar fenkiet. Jekk il-konċentrazzjoni tkun baxxa jew l-ammont ta' difetti jkun għoli, in-numru ta' fenkiet li jistgħu jitgħammru minn dan il-kampjun jonqos.

Ir-riżultati juru li hemm relazzjoni bejn it-temperatura u l-motilità, u bejn it-temperatura u l-ammont ta' difetti fl-isperma. It-temperatura u l-motilità għandhom relazzjoni pożittiva bejniethom li jfisser li meta tiżdied it-temperatura jiżdied ukoll il-moviment tal-isperma.

L-ammont ta' difetti tal-isperma kellhom relazzjoni negattiva mat-temperatura, jiġifieri meta tiżdied it-temperatura, jonqsu d-difetti. Dan l-istudju ma sabx relazzjoni sinifikanti bejn it-temperatura u l-konċentrazzjoni tal-isperma. Dan jimplika li iktar ma togħla t-temperatura, iktar l-isperma għandha bżonn ikel biex tibqa' ħajja u allura l-perjodu bejn il-ġbir u t-tgħammira għandu jkun wieħed qasir. Jekk dan ma jsirx, ikun hemm iċ-ċans li l-fertilità tonqos u għalhekk twassal għal anqas fenkiet li joħblu jew fenkiet li jkollhom btan żgħar.

Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li iktar mat-temperatura fil-maħżen tkun baxxa, iktar tiġi kkaġunata ħsara fl-isperma tal-fenek waqt li tkun qiegħda tistenna biex tintuża għat-tgħammira.

Għalhekk It-temperatura tal-maħżen m'għandhiex tinżamm anqas minn 20°C peress li temperaturi aktar baxxi jnaqqsu l-ħajja tal-isperma u jirriżultaw f'iktar difetti.

Peress li t-temperaturi fl-istaġuni differenti jvarjaw, dan l-istudju sab li kien hemm differenza fil-motilità u







# Wara SkolaSajf, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali issa Preżenti Wkoll fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum

**Wara li għall-ħames sena konsekuttiva, id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali pparteċipa b'suċċess waqt SkolaSajf 2021, issa jmiss li nvaraw proġett ieħor li jinvolvi kampanja ta' edukazzjoni u informazzjoni fost l-anzjani tagħna.**



Fil-fatt, fil-jiem li ġejjin, uffiċjali tad-Direttorat ser ikunu qed iżuru ċ-ċentri kollha ta' matul il-jum f'pajjiżna sabiex ikompli jitkattar dejjem aktar l-għarfien dwar ħidmet id-Direttorat.

Biex nagħmlu dawn il-laqgħat mal-anzjani dejjem aktar interessanti ser ikollna wkoll għad-dispożizzjoni tagħna kelb u qattus. Bis-saħħa ta' dawn iż-żewġ annimali ħelwin, ser ikun possibbli li jkun hemm aktar interattività mal-istess anzjani. Waqt l-istess żjarat ser ikunu qed jintwerew filmati varji li jinkludu informazzjoni dwar kampanji li d-Direttorat ikun qed jagħmel minn żmien għal żmien. Għal dan il-għan, fl-aħħar ġimgħat inħadmu numru ta' servizzi awdjoviżivi li jippreżentaw informazzjoni dwar kif wieħed għandu jagħmel biex jaddotta klieb u/jew qtates. Filmati oħra li ser ikunu qed jintwerew waqt iż-żjajjar fiċ-ċentri tal-anzjani ser ikunu qed jittrattaw ukoll informazzjoni dwar skemi varji mmirati għall-kunsilli lokali li l-Ministeru jniedi minn żmien għal żmien.



Dawn il-laqgħat fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum setgħu jkunu possibbli wara li d-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva aċċetta stedina li saret mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali biex ikun hemm din il-ħidma kollaborattIva.

Apparti dawn il-laqgħat fost l-anzjani tagħna, id-Direttorat ser jIbqa' Impenjat lI Jkompll jżur aktar skejjel u kunsilli lokali madwar Malta. Dawk l-iskejjel u kunsilli lokali li jixtiequ li d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jkun preżenti waqt xi inizjattivi organizzati minnhom jistgħu jibagħtu email bid-dettalji tal-attività fuq robert.a.cutajar@gov.mt.

# Malta b'Aċċess għat-Tħaddim ta' Prattiċi Aktar Sostenibbli fl-Agrikoltura



Ftit tal-ġranet ilu l-Ministru Anton Refalo żar l-uffiċini ta' CIHEAM f'Bari, l-Italja, bħala parti mill-impenn tal-Ministeru sabiex tissaħħaħ ir-relazzjoni ta' pajjiżna fuq livell Mediterranju fejn jidħol l-iżvilupp tal-agrikoltura.

CIHAEM, l-istitut agriekonomiku Mediterranju jaħdem ma' numru ta' pajjiżi Mediterranji, inkluż Malta, sabiex jippromovi prattiċi sostenibbli fl-agrikoltura. Pajjiżna ilu jaħdem mill-qrib ma' dan l-istitut għal dawn l-aħħar 30 sena, fejn fost l-oħrajn fl-aħħar xhur saret ħidma konġunta sabiex twaqqaf l-AgriHub. Kif tafu, dan il-proġett illum qiegħed jiġbor b'mod dirett u rikorrenti, informazzjoni importanti ħafna li permezz tagħha l-bidwi u r-raħħal Malti qiegħed jiġi megħjun jindirizza sfidi varji bħat-temp, l-impatt tal-pesti, u oħrajn.

Fiż-żjara tiegħu l-Ministru Refalo ltaqa' ma' numru ta' uffiċjali fi ħdan CIHAEM, kif ukoll mad-diretturi responsabbli mill-agrikoltura għar-reġjun ta' Puglia. Flimkien ġew diskussi numru ta' temi importanti filwaqt li ġie kkonsolidat ftehim li permezz tiegħu ser tissaħħaħ il-koperazzjoni fl-istrateġija agrikola, l-ikel, l-għarfien fuq teknoloġiji ġodda u l-promozzjoni ta' prattiċi sostenibbli partikolarment fl-użu ta' riżorsi naturali.

Permezz ta' dan il-ftehim, l-Awtoritajiet Maltin ser ikollhom aċċess għall-informazzjoni li permezz tagħha jistgħu jaddottaw prattiċi agrikoli li jħallu inqas impatt fuq l-ambjent filwaqt li jagħmlu dan is-settur aktar sostenibbli u ekonomikament vijabbli.







# Prova Dwar l-Għalf

Kitba ta'
MARIA SAMMUT

L-Agri-Hub huwa proġett li qed isir bil-kollaborazzjoni mal-MCAST biex jiġu identifikati soluzzjonijiet sostenibbli għall-ikel li qed jiġi mitmugħ lill-bhejjem li jinsabu fl-irziezet Maltin u Għawdxin. Dan il-proġett qed jeżamina dwar liema ikel u għalf bil-proteina jista' jiġi mkabbar ġewwa l-gżejjer Maltin biex jissostitwixxu l-għalf impurtat.

L-għan tal-proġett Agri-Hub huwa li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex issir il-bidla u jitkabbru lokalment uċuħ differenti li jkunu ta' kwalità għolja, b'livell aqwa ta' proteina. Dan iwassal biex tonqos id-dipendenza fuq l-għalf impurtat, kif ukoll jiġi stabbilit aktar il-prezz li dejjem ivarja, skont is-suq barrani.

Il-fażi inizjali tal-proġett Agri-Hub intemmet u preżentement dieħla fit-tieni fażi tal-implimentazzjoni tal-proġett. L-ewwel fażi kienet tikkonsisti f'għażla ideali tal-uċuħ li jistgħu jitkabbru. Dan sar bħala parti mill-bidla fit-tkabbir tal-uċuħ b'rabta mat-tibdil fil-klima fil-gżejjer Maltin.

Infatti, l-għan tal-proġett huwa li jinkludi provi ta' wċuħ differenti li fihom ammont konsiderevoli ta' proteina biex jitkabbru mill-bdiewa Maltin fl-għelieqi tagħhom. Biex ikun jista' jitfassal programm tal-għalf, huwa essenzjali li jkun hemm diversi tipi ta' wċuħ u mhux speċi waħda jew familja ta' pjanti waħda biss. L-aqwa taħlita tal-uċuħ tkun tikkonsisti fi speċi li huma kemm annwali kif ukoll perenni, speċi ta' ħaxix kif ukoll legumi.

- L-uċuħ li ġew identifikati li huma ta' interess għal dan l-istudju huma;
- *Triticum aestivum* Var. Trica (qamħ); It-Trica hija varjetà ta' qies imdaqqas u timmatura pjuttost kmieni. Din il-varjetà għandha tolleranza tajba għall-mard bħal mard tal-abjad. Iż-żerriegħa ta' din il-varjetà kienet intużat fl-ewwel parti tal-fażi tal-proġett u r-riżultati miksuba huma inkoraġġanti.
- *Hedysarium coronarium* (silla) var. Bellante hija varjetà li kapaċi tikber fi klima Mediterranja. Il-valur nutrittiv ta' dis-silla jixbah ħafna tal-alfalfa, iżda ma jikkawżax ftuħ fis-sistema diġestiva t'annimali li jixtarru. Il-livell ta' produzzjoni huwa wieħed għoli u tikber ħafna.
- *Pisum sativum* L. var. Arvika (il-piżelli); Arvika hija varjetà li tipproduċi ammont kbir ta' piżelli meta mqabbla ma' varjetajiet oħrajn ta' piżelli. Din il-varjetà hija tajba ħafna biex tittiekel u fiha valur għoli ta' proteina. L-Arvika kapaċi tikber f'ambjenti differenti, teħtieġ ħamrija li mhix taflija iżda tiflaħ għall-mard. Din il-varjetà kapaċi tipproduċi piżelli żgħir (~8000 żerriegħa kull kilo). Il-qoxra tagħha hija b'saħħitha ħafna. Meta din iż-żerriegħa tinżera', persentaġġ żgħir taż-żerriegħa ma jinbitx mal-ewwel sena iżda jnibbet fis-snin ta' wara.
- *Trifolium alexandrinum* var. Alex; Alex hija varjetà annwali, li titkabbar fix-xitwa f'postijiet fejn il-klima hija simili bħal tal-gżejjer Maltin fosthom postijiet li huma nexfin, fejn ma tinżilx aktar minn 1000mm ta' xita f'sena. Din il-varjetà hija klassifikata fil-familja tal-legumi u tikber relattivament b'rata mgħaġġla.
- *Hordeum vulgare* L. var. Jallon (xgħir); Il-varjetà Jallon oriġinat mill-Italja u hija kombinazzjoni ta' żewġ speċi oħra, li kapaċi tikber ġo diversi tipi t'ambjent. Din il-varjetà timmatura pjuttost kmieni u tipproduċi ammont sostanzjali ta' massa organika.



# Il-Proġett ta' Koimmaniġġjar tas-Sajd

**Għadu kemm tħabbar l-implimentar tal-proġett ta' Koimmaniġġjar tas-Sajd flimkien ma' diversi pajjiżi fil-Mediterran, u l-LIFE (Low Impact Fishers of Europe). Dan il-proġett jifforma parti minn proġett ikbar madwar il-Mediterran appoġġjat mill-Fondazzjoni MAVA bil-mira li tingħata spinta lir-reżiljenza tas-settur tas-sajd fil-Baħar Mediterran.**



Photo: DOI - Pierre Sammut



Photo: DOI - Pierre Sammut

Il-Ministru Anton Refalo qal li l-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li s-sajjieda jipparteċipaw u jkollhom sehem fl-immaniġġjar tas-sajd b'mod partikolari taż-ŻMPi (Żoni Marittimi Protetti), għax dawn jiffurmaw parti mill-għajxien tas-sajjieda. Huwa kompla jgħid li l-Koimmaniġġjar jipprovdi spina ta' governanza fejn is-sajjieda jkunu fiċ-ċentru tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Tajjeb insemmu li din l-istruttura tqis ir-realtajiet lokali differenti u tibni fuq l-esperjenza u l-ħiliet ta' nies li jiddependu direttament fuq is-sajd waqt li tippromovi s-sens ta' 'ownership' u l-koresponsabbiltà.

Permezz ta' proċess ta' koimmaniġġjar, ser jiġu organizzati laqgħat apposta fejn is-sajjieda jkollhom l-opportunità li jaqsmu l-opinjonijiet u l-fehmiet tagħhom dwar l-attivitajiet tas-sajd.

Flimkien max-xjentisti u l-policy makers ser jiġu diskussi modi differenti ta' sajd sostennibbli li jilħaq bilanċ bejn l-ekosistema u d-dimensjoni soċjoekonomika, sabiex ma jkunx hemm impatt fuq ir-reżiljenza tas-settur. Dan il-proġett qed isir f'diversi pajjiżi madwar il-Mediterran, u jifforma parti mir-rabta u l-obbligu li Malta għamlet fl-isfond tal-MedFish4Ever, pjan ta' għaxar snin għall-baħar Mediterran aktar sostenibbli.

Is-suċċess ta' dan il-proġett jiddependi fuq il-viżjoni tas-sajjieda u għaldaqstant inħeġġu lill-koperattivi u s-sajjieda sabiex jipparteċipaw fil-laqgħat li se jsiru ħalli l-vuċi u r-realtajiet tas-sajjieda minn kull lokalità jkunu riflessi fid-diskussjonijiet dwar is-sostennibbiltà tal-baħar u tas-settur tas-sajd.





# L-Importanza tal-Integrazzjoni tal-Ħut li Mhuwiex Utilizzat fil-Komunitajiet u Swieq Maltin u Għawdxin

Kitba ta'
MATTHEW LASPINA
*Manager 1, Department of Fisheries and Aquaculture*

**F'dawn l-aħħar 80 sena, il-popolazzjonijiet tal-ħut fl-ibħra tagħna naqset minħabba attivitajiet ta' sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux regolati, minħabba tniġġis tal-ambjent tal-baħar, kif ukoll minħabba bidliet fil-klima u fl-aċidifikazzjoni tal-oċeani.**

Fid-dawl tas-sitwazzjoni tat-tnaqqis ta' popolazzjonijiet tal-ħut, huwa ferm importanti li l-konsumatur ikun infurmat fuq ir-raġunijiet li qed jikkawżaw dan it-tnaqqis tal-istokkijiet tal-ħut. L-iktar ħut popolari mal-konsumatur Malti u Għawdxi huwa s-salamun. Huwa minnu li s-salamun għandu diversi benefiċċji, ngħidu aħna livelli għoljin t'aċidi grassi bħal *omega 3 fatty acids,* huwa sors ta' proteina u diversi vitamini bħal Vitamin B12, B6, riboflavin u niacin li huma essenzjali biex inaqqsu infjammazzjonijiet fil-ġisem u għat-tiswija tal-istruttura tad-*DNA*. Però l-konsumatur għandu jifhem li ħut li jinqabad lokalment għandu l-istess benefiċċji ta' ħut maqbud jew imkabbar barra minn xtutna.

Il-bijodiversità fil-Baħar Mediterran hija waħda rikka. Bejn wieħed u ieħor jinqabdu 300 speċi tal-baħar fl-ibħra ta' madwarna. Din il-varjetà ta' speċi toffri l-opportunità t'għażla lill-konsumatur. Apparti s-salamun; it-tonn, il-

**Il-qbid regolari tal-ħut popolari, kemm lokali kif ukoll barrani, jista' jikkawża pressjoni kbira fuq l-istokkijiet ta' ċertu ħut popolari, peress li s-sajjieda jagħmlu li jistgħu biex jaqbdu l-ħut li jinbiegħ. Però ma' dan il-ħut jinqabdu diversi speċi li għandhom inqas domanda fuq is-suq.**

pixxispad, il-lampuki, l-awrat u l-ispnott huma kollha ħut lokali, ikkonsidrat bħala ħut popolari mal-Maltin u l-Għawdxin. Però hija vitali li l-varjetà tax-xiri tal-ħut li mhux utilizzat biżżejjed għandu jiġi pprattikat. Il-qbid regolari tal-ħut popolari, kemm lokali kif ukoll barrani, jista' jikkawża pressjoni kbira fuq l-istokkijiet ta' ċertu ħut popolari, peress li s-sajjieda jagħmlu li jistgħu biex jaqbdu l-ħut li jinbiegħ. Però ma' dan il-ħut jinqabdu diversi speċi li għandhom inqas domanda fuq is-suq. It-tnaqqis ta' ċertu speċi ta' ħut kummerċjali għandu jibqa' jiġi indirizzat bil-kontrolli neċċessarji, però dan il-fenomenu joħloq l-opportunità biex nesploraw il-potenzjal ta' ħut mhux utilizzat fis-suq lokali.

Il-ħut li mhux utilizzat biżżejjed jew mhuwiex popolari huwa definit bħala ħut li għandu ftit jew l-ebda post fis-suq. Eżempji ta' dawn huma l-brieqex (Fig. 1), marzpan, lhud, kubrit, ċinturini (Fig. 2), mazzola, gattarell, raja tal-fosos (Fig. 3), gurbell u kavalli. Peress li ħut bħal dan għandu



inqas domanda fis-suq, ħafna minnhom jintremew lura fil-baħar u ma jinbigħux. Jekk il-konsumatur jagħmel l-almu tiegħu biex jixtri u jifhem iktar l-importanza tax-xiri ta' speċi bħal dawn, il-pressjoni fuq stokkijiet ta' ħut popolari għandha tonqos. Apparti minn hekk, il-konsumatur ikun qed jgħin biex jissalvagwardja s-settur tas-sajd. B'hekk is-sajjied ma jkollux għalfejn jarmi l-ħut li mhux utilizzat biżżejjed lura fil-baħar u fl-aħħar mill-aħħar iżid fid-dħul ekonomiku tiegħu.

Dan il-ħut li mhuwiex utilizzat ġeneralment ma jinxtarax minħabba d-dehra tiegħu jew peress li ħafna mill-konsumaturi jaqtgħu qalbhom mill-proċess kulinarju, mill-preparamenti, jew minħabba l-fatt ta' nuqqas t'ideat ta' kif wieħed jista' jsajjar u jipprepara ħut bħal dan. Qabel ma jixtri l-ħut, il-konsumatur għandu d-dritt li jsaqsi lill-bejjiegħa minn fejn inqabad il-ħut, kif u kemm ilu li nqabad u kif wieħed jista' jippreparah u jsajru. Permezz ta' dan, il-konsumatur ikun jista' jagħmel deċiżjoni għaqlija u infurmata. Illum il-ġurnata l-konsumatur ma jistax jgħid li m'għandux aċċess għar-riżorsi t'informazzjoni, permezz ta' riżorsi online jew kotba kulinarji, ta' kif jista' jipprepara u jsajjar ħut differenti.

Għal aktar informazzjoni fuq ħut li mhuwiex utilizzat jew mhuwiex popolari, wieħed jista' jibgħat email fuq matthew.laspina.1@gov.mt, biex bħala Dipartiment fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, inkunu nistgħu nipprovdu l-konsulenza tagħna fuq dan is-suġġett.



Fig. 1 Burqax (Source: Tonna, n.d.)



Fig. 2 Raja tal-fosos (Source: Tonna, n.d.)



Fig. 3 Xabla (Tonna, n.d.)

# Is-6 Edizzjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Fenek



Fil-25 ta' Settembru 2021, Il-*Malta Rabbit Club – Since 1963*, NGO rreġistrata, iċċelebrat is-6 edizzjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Fenek. Dan il-jum jiġi ċċelebrat kull sena fl-aħħar Sibt ta' Settembru u fih infakkru l-importanza tal-kura u l-protezzjoni tal-fniek domestiċi kif ukoll slavaġ. Din il-festa ġiet iċċelebrata għall-ewwel darba fl-1988 fir-Renju Unit. Wara bdiet tiġi ċċelebrata fl-Awstralja sa ma nfirxet it-tradizzjoni mad-dinja kollha. Il-fenek huwa t-tielet l-iktar annimal domestiku popolari wara l-kelb u l-qattus fl-Istati Uniti. L-ikbar popolazzjoni tal-fniek tinsab fl-Amerka ta' fuq. Din il-ġurnata, illum parti mill-kalendarju nazzjonali, ġiet introdotta hawn Malta minn dan il-klabb stess.

Proġett importanti ħafna għal din l-NGO hija t-tnedija tal-aħħar proġett tagħna, dak tal-pubblikazzjoni ta' ktejjeb bl-isem, "Rabbit Information Booklet". Proġett li kien ilu mixtieq għal numru ta' snin u seta' biss isir realtà wara li l-Malta Rabbit Club ħa sehem u rebaħ il-Kompetizzjoni għat-Tnaqqis tal-Iskart organizzata mill-Wasteserv fl-2019, liema riżultati tħabbru fl-2020.



Apparti trofew, l-NGO rebħet ukoll €1000, liema flus kellhom jintużaw fuq proġett favur (li jirrispetta) l-ambjent. Din is-somma ntużat bħala ħlas parzjalment iffinanzjat għall-pubblikazzjoni ta' dan il-ktejjeb, fejn bl-għajnuna ta' kollaboraturi oħra, dan seta' jkun possibbli. Il-ktejjeb ġie stampat fuq karta riċiklata u se jkun disponibbli wkoll mis-sit elettroniku tal-klabb ladarba titnieda. Hija wkoll l-intenzjoni tal-klabb li l-pubblikazzjoni tkun stampata bil- Malti kif ukoll bit-Taljan, meta wieħed iqis li l-NGO għandha ħafna membri barranin primarjament Taljani. Hekk niżguraw li l-informazzjoni tilħaq firxa ikbar ta' membri.

Fl-istess jum il-Malta Rabbit Club ippreżenta wkoll l-ewwel djarju għas-sena 2022 fejn fih wieħed isib ukoll informazzjoni utli relatata mat-trobbija tal-fniek. Waqt iċ-ċerimonja, ġie wkoll inawgurat l-ewwel sit elettroniku tal-Malta Rabbit Club: **http://rabbitclub.mt/**

The Malta Rabbit Club jifhem l-importanza tal-użu tal-istejjer biex jeduka lill-pubbliku, jagħti appoġġ għall-kura tal-fniek, jifhem il-bżonn ta' komunikazzjoni, jifhem l-informazzjoni li tkun inġabret u jiggwida iktar nies lejn is-sit elettroniku.

Il-kumpanija Black Friars Ltd, permezz ta' Google, tgħin lil The Malta Rabbit Club b'kull mod possibbli biex jintlaħqu l-għanijiet imħejjija. The Malta Rabbit Club qiegħed juża Google Workspace bħala mezz ta' komunikazzjoni u Google Analytics sabiex jitkejjel l-impatt tal-messaġġ tal-klabb. YouTube se jibqa' pjattaforma siewja biex jinstabu vidjows dwar suġġetti importanti. Ad Grants hija għajnuna oħra li tiżgura li The Malta Rabbit Club qiegħed jesponi l-andament tiegħu bl-aħjar mod possibbli.

Għal dan l-avveniment, li sar fis-Sala Prinċipali tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, l-NGO kellha numru ta' VIPs, MEPs, kollaboraturi u mistidnin distinti, fosthom is-Sur Sharlo Camilleri, Segretarju Permanenti, mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, fejn ippreżenta wkoll il-Premju għar-Rikonoxximent tal-NGO lill-kandidat ta' din is-sena, is-Sur Arnold Sciberras.

Is-Sur Sciberras, li fl-1998 bħala żagħżugħ, ingħaqad bħala membru mal-Malta Rabbit Club, ħa sehem f'diversi avvenimenti organizzati mill-NGO u kien wieħed mill-ewwel membri li studja u pparteċipa f'wirjiet tal-fenek selvaġġ Malti. Is-Sur Sciberras, matul is-snin ta l-klabb jevolvi, u dak kien ukoll ta' għajnuna għalih għall-kisbiet personali tiegħu. Illum għandu żewġ kliniċi veterinarji, huwa konsulent dwar il-ġestjoni tal-pesti, naturalista u riċerkatur tal-bijodiversità. Il-kumitat u l-membri tal-Malta Rabbit Club jawguraw aktar suċċess lil Arnold Sciberras.

# Proġett ta' Restawr fuq Binja Antika fiċ-Ċentru Nazzjonali għall-Vitikultura u l-Enoloġija

Dan l-aħħar beda restawr fuq binja antika ġewwa ċ-ċentru Nazzjonali għall-Vitikoltura u l-Enoloġija ġewwa l-Buskett. Din il-binja ser tintuża bħala mużew interattiv fejn il-pubbliku ser ikun jista' jżur sabiex jitkattar aktar għarfien fuq it-tkabbir tad-dwieli f'Malta kif ukoll fuq iż-żoni vokati għall-vitikoltura, fuq il-produzzjoni tal-inbid u fuq dak kollu li b'xi mod jew ieħor huwa relatat ma' dan is-settur.

Il-Gvern emmen bis-sħiħ f'dan il-proġett u investa s-somma ta' €100,000 sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol fuq l-ewwel fażi ta' dan il-proġett. Hekk kif titlesta l-ewwel fażi, jibda x-xogħol fuq it-tieni fażi li din hija maħsuba li tinbeda s-sena d-dieħla. Il-ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-ikel u d-Drittijiet tal-Annimali qed jaħdem b'impenn u jagħti l-importanza xierqa lil dan is-settur. Min-naħa tal-Gvern, kif ikun iffinalizzat ix-xogħol kollu, ser ikun hemm sit ta' promozzjoni permanenti għal dan is-settur. Din ser Ikompli jsaħħaħ dak li sar f'dawn l-aħħar snin permezz tal-kampanja 'Wines of Distinction'.

Dan ix-xogħol ser ikompli jenfasizza l-impenn tal-Ministeru f'dan is-settur fejn apparti x-xogħol ta' restawr fuq din il-binja, is-sena l-oħra diġà kienu tressqu s-servizzi u l-impjegati kollha li jaħdmu fi ħdan il-vitikultura ġewwa dan iċ-ċentru. B'hekk illum għandha ċentru li jista' jservi bħala punt ta' riferiment rigward dak kollu li huwa relatat mal-vitikoltura u l-enoloġija: kemm jekk qed nitkellmu fuq servizzi bħal liċenzji tal-għasir, ċertifikazzjoni tal-inbejjed DOK u IĠT u reġistrazzjoni



Photo: DOI - Omar Camileri




Photo: DOI - Omar Camileri

ta' vinji, kif wkoll mill-att ta' riċerka. Ma rridux ninsew li din is-sena ġiet imħawla vinja ġdida ġo dan iċ-ċentru filwaqt li ġiet imlaqqma b'10 varjetajiet Maltin, ċertifikati bid-DNA.

Bis-saħħa t'hekk, iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Vitikoltura u l-Enoloġija ser iservi sabiex primarjament ikun sit ta' konservazzjoni ta' dawn il-varjetajiet, sit fejn dawn jiġu studjati u 'l quddiem anka sit fejn tingħata informazzjoni u promozzjoni fuqhom peress li huma parti mill-patrimonju agrikolu tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Din il-binja ser isservi wkoll sabiex jiġu disseminati studji u riżultati rigward riċerka lokali fuq il-kultivazzjoni tad-dielja, kif ukoll il-proċess tal-inbid mal-vitikulturisti u għassara kkonċernati.



Photo: DOI - Omar Camileri

# It-Tnedija tal-Kampanja ta' Promozzjoni ta' Diversi Skemi ta' Agri Kwalità

Kitba ta'
DARREN CASSAR U JESSAMINE AGIUS

**It-tnedija ta' kampanja sabiex nippromovu l-kwalità fil-prodotti agrikoli ġewwa pajjiżna saret bil-għan ewlieni li jiżdied l-għarfien dwar il-possibilità ta' Ċertifikazzjoni tal-Prodotti agrikoli kemm mal-konsumatur kif ukoll mal-bdiewa Maltin u Għawdxin.**

Matul dawn l-aħħar snin, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali ħadem bla waqfien sabiex jiġu implementati u jitħaddmu l-liġijiet li jirrikonoxxu, jippromovu u jagħtu valur lill-prodotti agrikoli ta' kwalità superjuri. Bis-saħħa ta' din il-kampanja se jinġabru l-iskemi kollha li jippromovu l-kwalità sabiex il-messaġġ ikun wieħed ħolistiku u dirett. Il-Ministru Anton Refalo waqt il-konferenza stampa b'konvinzjoni kbira qal li rridu nixprunaw is-settur lejn agrikoltura ta' kwalità.

Taħt din il-kampanja qed ikunu promossi tliet skemi partikolari.




PHOTO : DOI - Kevin Abela

Dawn huma:

- L-iskema Nazzjonali ta' Prodotti ta' Kwalità;
- Il-Biedja Organika;
- Iċ-ċertifikazzjoni tal-inbejjed, D.O.K Malta, D.O.K Gozo u I.G.T Maltese Islands.

**L-Iskema Nazzjonali ta' Prodotti ta' Kwalità**

Din hija skema volontarja rikonoxxuta mill-Kummissjoni Ewropea bl-iskop li żżid il-valur ta' prodotti agrikoli skont standard u speċifikazzjonijiet miftiehma li jikkaratterizzaw il-kwalità superjuri ta' prodott partikolari.

Din il-Marka ta' Kwalità, li se tkun qed titpoġġa fuq prodotti li jilħqu dan il-livell, se tkun garanzija li l-prodott li qed jinxtara mhux biss jilħaq l-istandards minimi Ewropej, iżda fih ukoll ċerti kwalitajiet li jmorru lil hinn minn dawn il-kriterji minimi stabbiliti






PHOTO : DOI - Kevin Abela

fil-liġi. Dawn il-kwalitajiet jistgħu jirriflettu l-mod kif il-prodott jiġi kkultivat jew imrobbi, ipproċessat, ippakkjat, maħżun u mwassal fis-suq. Din mhux se tkun sempliċement tikketta li titwaħħal ma' kwalunkwe prodott, iżda sservi wkoll ta' protezzjoni għall-prodotti u produtturi ġenwini.

### Il-Biedja Organika

L-iskema tal-Biedja Organika hija waħda maħduma fuq livell tal-komunità Ewropea u rikonoxxuta madwar id-dinja. Hija miżura li tħaddan sistema ta' traċċabilità u kontroll fuq il-mod kif jitkabbar il-prodott. Din hija ċċertifikata u apprezzata mad-dinja kollha u tissalvagwardja agrikoltura sostenibbli li tipproteġi l-ambjent u li twassal għal prodott iktar bnin għas-saħħa tal-bniedem.

Id-Direttorat tal-Agrikoltura jservi bħala l-awtorità kompetenti għall-implementazzjoni ta' din il-miżura li tkopri l-katina kollha tas-suq tal-ikel, suq li biż-żmien qiegħed dejjem jikber minħabba għarfien akbar mill-konsumatur biex jiekol prodott bnin li ġie mkabbar u magħmul b'mod sostenibbli għall-ambjent.

Kull prodott li jitkabbar b'mod organiku li jkun rikonoxxut mis-sistema ta' ċertifikazzjoni nazzjonali jkollu t-tikketta li tirrappreżenta kull proċess (il-produzzjoni, l-ipproċessar, il-bejgħ, l-importazzjoni, l-esportazzjoni u kwalunkwe negozju) li għadda minnu l-prodott u b'hekk kien taħt sistema ta' kontroll u monitoraġġ. Din tagħti garanzija lill-konsumatur fuq il-kwalità tal-prodott li qiegħed jinxtara u rikonoxximent lill-operatur għax-xogħol u d-dedikazzjoni tiegħu. Għaldaqstant iċ-ċertifikazzjoni u l-kontrolli huma addattati skont il-kategorija tal-attività organika li jagħmel l-operatur.

### Iċ-ċertifikazzjoni tal-inbejjed, D.O.K Malta, D.O.K Gozo u I.G.T Maltese Islands

F'Malta u Għawdex hawn madwar 430 ettaru dwieli fejn il-biċċa l-kbira huma għall-produzzjoni tal-inbid. Insibu madwar 19-il għassar u 11-il produttur tal-inbid li huma kollha rreġistrati mad-Direttorat tal-Agrikoltura u bejniethom jipproduċu kważi żewġ miljun flixkun fi nbejjed ta' kwalità. Dawn it-tliet ismijiet huma rreġistrati u protetti kemm lokalment kif ukoll mill-Unjoni Ewropea.

L-iskop aħħari tal-Agri Kwalità hu li kemm il-popolazzjoni lokali, kif ukoll ir-residenti barranin li jgħixu fil-gżejjer Maltin jagħrfu d-dedikazzjoni u x-xogħol kollu li jsir sakemm dawk il-prodotti ta' kwalità finalment jaslu fuq il-mejda tal-konsumatur. Għal aktar informazzjoni wieħed huwa mħeġġeġ li jżur is-sit tagħna www.ikeltakwalita.gov.mt jew jibgħat email fuq ikeltakwalita.mafa@gov.mt.

# Ir-rinovar tal-Laboratorju għas-Servizzi Agrikoli

Kitba ta'
**CLAIRE CAUCHI**
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan*

**MICHAEL SCIBERRAS**
*Uffiċjal Agrikolu*

**Il-Laboratorju għas-Servizzi Agrikoli, li jinsab ġewwa l-Għammieri, twaqqaf 'il fuq minn erbgħin sena ilu sabiex joffri servizz t'analiżi tal-ħamrija għall-komunità tal-bdiewa.**

L-analiżi kimika tal-ħamrija hija bżonnjuża ħafna għaliex wara li ssir, ikunu jistgħu jingħataw pariri tekniċi kif ukoll rakkomandazzjonijiet ta' fertilizzanti li wieħed għandu japplika biex itejjeb il-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' u bi ftit pjanar il-fertilizzanti jingħataw b'mod iktar ekonomiku.

Maż-żmien, id-domanda tal-bdiewa għall-ittestjar tal-ħamrija u l-ilma għat-tisqija kibret, u għalhekk inħasset ħtieġa kbira li jsir ristrutturar tal-laboratorju sabiex il-komunità tal-bdiewa tkun tista' tinqeda aħjar b'servizz aktar professjonali.

Permezz ta' miżura tal-Baġit tal-2020, ġiet allokata s-somma ta' €200,000 sabiex tittejjeb l-infrastruttura b'investiment f'dan il-laboratorju li joffri dan is-servizz tant importanti ġewwa pajjiżna. Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li għandna laboratorju armat b'dak kollu neċessarju u x-xogħol jista' jsir f'ambjent iktar adekwat u li jissalvagwardja wkoll is-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.



Photo: DOI - Clifton Fenech

Ilkoll nafu kemm hu importanti li l-għelieqi u l-ħxejjex imkabbra jkunu mmaniġġjati b'mod aktar sostenibbli. Huwa fl-obbligu ta' kull min iferrex xi tip ta' fertilizzant, kemm artifiċjali jew demel naturali fuq l-uċuħ tar-raba', li jagħmel analiżi tal-ħamrija. Għalhekk, permezz tal-Laboratorji tagħna u s-servizz mogħti mill-AgriConnect, id-Direttorat għall-Agrikoltura se jkompli jkun iktar ta' spalla għas-settur.

Il-maġġoranza tal-kampjuni tal-ħamrija jiġu ttestjati minħabba obbligi ta' skemi tal-Unjoni Ewropea, fosthom il-Miżura għall-Implimentazzjoni ta' Pjan għall-Ġestjoni u Konservazzjoni tal-Ħamrija fuq Ħbula ta' Art (AECM5), li tirrigwarda l-ittestjar għall-materjal organiku. Apparti dan, isiru wkoll testijiet għan-nutrijenti ewlenin tal-pjanti, jiġifieri n-nitroġenu (N), il-fosfru (P) u l-potassju (K) fil-ħamrija. Skont ir-riżultati ta'



Photo: DOI - Clifton Fenech



dawn it-testijiet, il-bidwi jkun jista' jingħata l-pariri meħtieġa mill-konsulenti jew mill-Agri Connect dwar l-applikazzjoni tal-fertilizzant sabiex jissodisfa d-domanda ta' sustanzi tal-prodott li jkun ser jitkabbar dejjem skont il-pjan ta' fertilizzazzjoni. Huwa obbligu legali li wieħed inaqqas ukoll ir-riskju t'applikazzjoni żejda ta' fertilizzant, bħal nitrati li ġejjin minn sorsi agrikoli, li jistgħu jipperkolaw mill-ħamrija permezz tax-xita u t-tisqija, u jispiċċaw fl-ilma tal-pjan. Ta' min jgħid ukoll illi jekk il-fertilizzanti jiġu applikati f'ammonti mhux korretti kemm f'każ ta' nuqqas u anki ammont żejjed, il-ħxejjex juru effetti ħżiena bħal nuqqas fit-tkabbir u l-produzzjoni.

Permezz ta' dan il-laboratorju ristrutturat, id-Direttorat ser ikompli jgħin lill-bdiewa jaffaċċjaw l-isfidi tal-produzzjoni sabiex jipproduċu prodotti ta' kwalità, kif ukoll sabiex jikkonformaw ma' obbligi ambjentali.

Għal aktar tagħrif fuq l-iskema marbuta mal-miżura AECM5 u l-pjan ta' fertilizzazzjoni, wieħed jista' jċempel l-AgriConnect fuq 21804981/2/4 jew iniżżel il-lista ta' konsulenti billi jżur is-sit tad-Direttorat għall-Protezzjoni tal-Pjanti fuq għajnuna relatata mal-miżura AECM5 u s-sit tad-Direttorat tal-Agrikoltura fuq għajnuna relatata mal-pjan ta' fertilizzazzjoni.



# Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

Kitba ta'
HAZEL FARRUGIA
*Programme Manager*

ANDREW SCIBERRAS
*Programme Manager*

Il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), jew inkella l-EMFAF (European Maritime Fisheries and Aquaculture Fund) ġie stabbilit għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 sabiex dan il-perjodu jiġi allinjat ma' dak tal-qafas finanzjarju pluriennali (il-QFP 2021-2027). Il-FEMSA jeħtieġ li jkollu l-għan li jiddereiġi l-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni biex isostni l-Politika Komuni tas-Sajd (il-PKS), il-politika marittima tal-Unjoni u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni fil-qasam tal-governanza tal-oċeani. Dan il-finanzjament jiffoka fuq żewġ prijoritajiet; l-ewwel prijorità se tinkorpora numru ta' attivitajiet sabiex ikun hemm trawwim ta' industrija tas-sajd sostenibbli u konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi fil-baħar. It-tieni prijorità se tinkorpora numru ta' attivitajiet iffukati fuq it-trawwim ta' akkwatultura sostenibbli, u l-ipproċessar u l-promozzjoni ta' prodotti tal-ħut u tal-akkwakultura biex tkun żgurata s-sigurtà tal-ikel fl-Unjoni Ewropea.

Il-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir, għall-ġestjoni u għall-użu tad-data fis-settur tas-sajd ser ikopri l-lista dettaljata tar-rekwiżiti tad-data, hekk kif mill-1 ta' Jannar 2022, ser tibda tapplika Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/1167 li tistabbilixxi l-programm pluriennali tal-Unjoni għall-ġbir u l-ġestjoni tad-data bijoloġika, ambjentali, teknika u soċjoekonomika fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura.









L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw pjanijiet ta' ħidma nazzjonali, li jispeċifikaw id-data li trid tinġabar u l-metodi tal-ġbir ta' data. Għal dan il-għan, Malta ssottomettiet il-pjan ta' ħidma nazzjonali fil-15 ta' Ottubru, li jiġi skrutinizzat mill-Kummissjoni u l-korpi xjentifiċi indipendenti hekk imsejħa 'STECF' (Scientific, Technical and Economic Committee for Fisheries) sabiex tiġi kkonfermata li l-metodi applikati u l-kwalità tal-ġbir ta' data jsegwu l-parir xjentifiku relevanti u l-aħjar prattiki.

# Il-Laboratorju tad-Dijanjostika fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti

Kitba ta'
MATTHEW TABONE
(Uffiċjal Xjentifiku Ewlieni)

DARREN VELLA
(Uffiċjal Agrikolu Prinċipali)

**Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, li jinsab ġewwa Ħal Lija, għandu funzjoni ewlenija ta' kontroll u monitoraġġ ta' xitel jew prodotti tagħhom li jistgħu jidħlu f'pajjiżna u dan isir permezz ta' stħarriġ nazzjonali fuq diversi siġar u għelejjel oħra bil-għan li tiġi ssalvagwardjata l-agrikoltura Maltija u anke l-bijodiversità.**

Isiru wkoll spezzjonijiet mis-sezzjoni tal-infurzar fil-mixtliet lokali, fi ħwienet tal-imnut u għelieqi sabiex jaċċertaw l-assenza ta' ċerti organiżmi u dan isir b'mod regolari matul is-sena.

Dan il-laboratorju jaħdem id f'id mas-sezzjoni tal-infurzar u joffri servizz ta' identifikazzjoni tal-organiżmi skont id-dixxiplina xjentifika rikjesta. Fil-fatt, il-laboratorju tad-Dijanjostika hu maqsum f'diversi dixxiplini xjentifiċi skont l-organiżmi ta' analiżi: viruses, batterji, mofof, nematodi u insetti li jattakkaw pjanti u siġar.

Ġurnata tipika f'dan il-laboratorju tikkonsisti billi l-ispetturi tal-istess Direttorat iġibu kampjuni minn diversi partijiet ta' pjanti bħal weraq, zkuk u żrieragħ skont skedi ppjanati fuq diversi siġar u xitel ta' interess kummerċjali u jingħataw lil dan il-laboratorju skont protokolli speċifiċi.

Ġeneralment l-ewwel fażi ta' analiżi tkun l-iscreening fejn partijiet minn pjanti jiġu suġġetti b'azzjoni kimika u jintuża apparat partikolari skont it-tip ta' organiżmu suġġett għall-analiżi. L-'ELISA plate reader' hu wieħed mill-aktar apparati li jintuża f'dan il-qasam tal-bijoteknoloġija.

It-tieni fażi ta' analiżi tissejjaħ il-fażi konfermatorja fejn anke l-għażla tal-apparat twieżen mal-preċiżjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' organiżmi speċifiċi bħal *Xylella fastidiosa* u *Citrus Tristeza Virus* fost ħafna oħrajn. Wieħed mill-aktar apparati versatili li hawn fis-suq bħalissa u li d-Direttorat għandu hu l-PCR. Xogħol dan l-apparat hu li d-DNA tal-organiżmi tiġi multiplikata ħafna drabi sabiex jekk ikun hemm preżenza ta' xi virus jew organiżmu ta' interess dan jinqabad bl-apparat u l-qari jindika bħala pożittiv.

Għalhekk ir-riżultati li joħorġu minn dan il-laboratorju għandhom impatt dirett fuq l-azzjoni li tittieħed mill-Ispetturi għall-Ħarsien tal-Pjanti. Fuq pjanti li jinstabu pożittivi għal ċerti organiżmi ta' kwarantina u b'hekk tittieħed azzjoni regolatorja skont kriterji komunitarji.

Minn żmien għal żmien il-laboratorju msemmi jieħu sehem ukoll f'inizjattivi fuq livell Ewropew bil-għan li jinżamm il-livell tar-riżultati maħruġa mil-laboratorji Ewropej u anke sservi ħalli jinqasmu l-esperjenzi bejn ix-xjenzati minn diversi pajjiżi inkluż pajjiżna. Apparti minn hekk il-laboratorju




Fig. 1 - L-apparat tal-ELISA



Fig. 2 - L-apparat tal-PCR ġewwa l-laboratorju għall-Ħarsien tal-Pjanti



Fig. 3 – Diviżjonijiet oħra tal-laboratorju

għandu wkoll kuntatti ma' organizzazzjoni internazzjonali l-EPPO (European and Mediterranean Plant Protection Organisation), li għandha l-għan li tqarreb il-pajjiżi Ewropej u dawk tal-Mediterran kollu lejn xulxin ħalli tiżdied il-kollaborazzjoni fil-qasam tal-Ħarsien tal-Pjanti inkluż il-qasam xjentifiku tal-laboratorji. Id-diversi linji gwida maħruġa mill-EPPO għandhom l-għan li l-laboratorji jaħdmu fuq l-istess prinċipji ħalli jkun hemm uniformità tar-riżultati maħruġa.

Għal dawn l-aħħar xhur u fix-xhur li ġejjin, il-laboratorju għaddej minn ristrutturazzjoni qawwija sabiex jilqa' għall-isfidi tal-futur u se jibqa' jiġi mgħammar bl-aħħar teknoloġija f'dan il-qasam tax-xjenza ħalli aktar kampjuni jiġu kkonfermati hawn Malta u hekk tonqos id-dipendenza fuq barra u jkollna aktar kontroll tal-proċess analitiku kollu.

Dan ix-xogħol tant bżonjuż għandu jwassalna għal livelli ogħla sew fl-għamla tal-laboratorju iżda anke tal-operat sabiex fl-aħħar naslu biex niksbu l-akkreditazzjoni. Apparti li hu obbligu tal-Unjoni Ewropea, l-akkreditazzjoni tfisser serjetà, affidabbiltà u serħan tal-moħħ tar-riżultati maħruġa mil-laboratorju.

Bħala sommarju, l-importanza ta' dawn il-laboratorji hija kbira għall-fatt li dawn iservu bħala għodda siewja biex tiġi pprovduta l-evidenza xjentifika neċessarja, sabiex ikun jista' jiġi attwat il-kontroll regolatorju. Barra minn hekk iservu wkoll biex jiġi evitat id-dħul ta' mard ta' pjanti, li jista' jkun ta' dannu kbir għas-settur agrikolu, kif ukoll għall-ambjent naturali ta' madwarna. Permezz ta' dan il-proċess li ħa jgħaddi minnu l-laboratorju dijanjostiku ser inkunu f'pożizzjoni aħjar li nistgħu nidentifikaw u nikkonfermaw għadd konsiderevoli ta' mard b'mod aktar effiċjenti, u la darba ħa jitnaqqas it-traġitt ta' kampjuni lil hinn minn xtutna, l-azzjoni regolatorja mid-Direttorat għall-ħarsien tal-pjanti ħa tkun aktar immedjata. Dan l-immodernizzar sa fl-aħħar huwa wkoll ta' importanza sabiex strutturalment iservi bħala prekursur li 'l quddiem tinkiseb l-akkreditazzjoni għal testijiet fuq mard tal-pjanti li huma meqjusa ta' importanza għolja għal Malta.



# Klieb li ma Jkunux Kuntenti Jistgħu Jdejqu lill-Ġirien

Kitba ta'
ALISON BEZZINA
*Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali*

Traduzzjoni bil-Malti minn
GEORGE FARRUGIA

**Jekk inti bħali, dik il-bikja ta' kelb taqsamli qalbi u twaqqafni u tħallini naħseb. Madanakollu, ħafna nies ikollhom jgħixu kontinwament bl-inbiħ u l-biki tal-klieb tal-ġirien.**

Żewġ rakkomandazzjonijiet illi għamilt kemm ilni Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali huma maħsubin biex l-ewwel u qabel kollox titnaqqas it-tbatija psikoloġika minn fuq ħafna klieb li għandna f'Malta u f'Għawdex. It-tieni, biex innaqqsu l-istress minn fuq in-nies minħabba nbiħ kontinwu.

U fl-aħħar nett, biex innaqqsu pressjoni bla bżonn minn fuq is-sezzjoni tal-infurzar tal-*Animal Welfare.*

Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet huma:

### 1. Biex jiżdied id-daqs ta' fejn jgħix kelb li huwa aċċettabbli bil-liġi

Bħalissa l-liġi (LS439.21) tgħid illi l-għoli mill-gerriesa tal-kelb (l-għoli mill-ispalla tal-kelb sal-art) huwa anqas minn 30ċm għoli. Id-daqs minimu tal-post fejn jgħix kelb li huwa meħtieġ għalih, bilkemm huwa żewġ metri kwadru, inkluż l-ispazju fejn jorqod u fejn jagħmel l-eżerċizzju.

Biex nipprovdu l-kuntest, il-klieb li għandhom gerriesa li hija anqas minn 30ċm huma *Fox Terriers, Jack Russels, Yorkshire Terriers, Basset Hounds*, u ħafna klieb oħra li huma enerġetiċi. (irreferi għar-ritratt bħala referenza)

Bħalissa, kull min jifhem fil-klieb jgħidlek illi jekk il-kelb ikun żgħir, ikun jiekol tajjeb, jew ikollu post fejn jistkenn, mhux bilfors ifisser li jkun għal qalbu. Għalkemm ikunu jidhru fiżikament b'saħħithom, jekk ikunu miżmumin f'post żgħir xorta jafu jkunu frustrati u jaf ikollhom effett psikoloġiku negattiv jew jgħaddu minn dwejjaq kbar, b'konsegwenza li joqogħdu jinbħu u jibku kontinwament.

Iżda l-ispazju minimu huwa indikat fil-liġi, u meta l-uffiċjali tal-*Animal Welfare* jsibu klieb jgħixu f'postijiet li huma żgħar, dawn ma jistgħu jagħmlu xejn dwar dan kollu. Każijiet hekk imbagħad jispiċċaw idejqu lill-pubbliku minħabba l-biki u l-inbiħ tal-klieb, u għalhekk, dawn jispiċċaw responsabbiltà tal-Pulizija u mhux tal-uffiċjali tal-*Animal Welfare.*

### 2. Nagħmluha illegali li klieb jinżammu iżolati

It-tieni rakkomandazzjoni tirreferi għal parti mil-liġi li tgħid illi annimali għandhom ikollhom ambjent xieraq fejn ikollhom l-opportunità li jesprimu mġiba xierqa u jkunu jistgħu jesprimu ruħhom. KAP. 439 (8)(4).

Għall-klieb, m'hemmx dubju li, biex juru mġiba xierqa, huma jrid ikollhom ammont ta' ħin biżżejjed fejn ikun hemm interazzjoni



Ritratt ta' Blue Bird minn Pexels



Ritratt ta' Hilary Halliwell minn Pexels

soċjali mal-bnedmin. Il-klieb huma domestikati, u, aktar minn xejn, ħafna minnhom jixxennqu sabiex ikunu f'kumpanija mal-bniedem. Għalhekk meta jkunu miżmuma b'mod permanenti fuq il-bjut, btieħi jew garaxxijiet mingħajr jew ftit interazzjoni mal-bniedem, dawn jiżviluppaw dwejjaq kbar illi jwassal għal tbatija psikoloġika, biki u nbiħ kontinwu.

Għalhekk, ir-rakkomandazzjoni tiegħi hija li fir-rigward tal-klieb, (u annimali oħra li jixxennqu għal kumpanija tal-bniedem), 'ambjent xieraq' kif inhuwa stipulat bil-liġi, m'għandu qatt ikun interpretat li jinkludi postijiet fejn il-klieb possibilment ikunu f'iżolament; bħal bjut, garaxxijiet u btieħi.

Jekk ikunu implimentati, iż-żewġ rakkomandazzjonijiet inaqqsu drastikament it-tbatija psikoloġika u kultant anke t-tbatija fiżika ta' ħafna klieb f'Malta u f'Għawdex. Barra minn hekk jitnaqqas l-inkonvenjent lill-pubbliku minħabba li klieb imdejqin joqogħdu jinbħu u jibku bla waqfien.

Jekk tinzerta ffortunat biżżejjed li ma tgħix f'post fejn tista' tisma' t-tbatija ta' klieb jibku u jinbħu kontinwament, hawnhekk għandek ftit statistika sabiex nitfgħu aktar dawl fuq dan is-suġġett. Fl-2019, 55% tar-rapporti li saru lis-settur tal-infurzar tal-Animal Welfare jirriżulta li kienu foloz. Fl-2020, dan il-persentaġġ tela' għal 81%. Ħafna minn dawn ir-rapporti 'foloz' saru minn ġirien li kienu mħassbin minħabba l-biki u l-inbiħ tal-klieb li kien ikun kuljum u mingħajr waqfien.

Id-Dipartiment tal-*Animal Welfare* m'għandux għażla, ħlief li jgħid illi dawn huma rapporti 'foloz', għax li żżomm kelb f'iżolament u f'post żgħir għalih, sal-lum huwa perfettament legali, u b'mod konvenjenti, huwa interpretat kif inhu!

**Għall-klieb, m'hemmx dubju li, biex juru mġiba xierqa, huma jrid ikollhom ammont ta' ħin biżżejjed fejn ikun hemm interazzjoni soċjali mal-bnedmin. Il-klieb huma domestikati, u, aktar minn xejn, ħafna minnhom jixxennqu sabiex ikunu f'kumpanija mal-bniedem.**

# Is-Servizzi Ta' AgriConnect

**Kitba' ta'**
LEO VELLA
*Principle Agricultural Officer*

NATHALIE D'AMATO
*Senior Agricultural Officer*

**In-Nitrati**

In-nitrati huma sustanzi li jinħallu fl-ilma u huma essenzjali għall-iżvilupp tal-proteini, speċjalment fil-weraq tal-pjanti, li jippermettu t-tkabbir tal-ħxejjex. Dawn jinstabu f'materja organika u jintużaw bħala fertilizzanti. Madankollu, minħabba li jinħallu malajr fl-ilma, dawn jistgħu jinġarru faċilment mal-widien permezz tax-xita, u jipperkolaw fl-ilma tal-pjan. Għalhekk, kwantitajiet kbar ta' nitrati jistgħu jikkawżaw ħsara ambjentali, u jwasslu għall-ewtrofikazzjoni, u huma meqjusa perikolużi kemm għall-bnedmin kif ukoll għas-saħħa tal-annimali. Għalhekk, kien hemm il-bżonn li l-awtoritajiet idaħħlu miżuri legali u infurzar biex jillimitaw it-tniġġis tal-ilma min-nitrati.

F'Malta nstab li l-livell ta' nitrati huwa relattivament għoli, speċjalment f'żoni baxxi fejn jinġema' ammont ta' ilma konsiderevoli. Minħabba f'hekk, u minħabba wkoll id-daqs żgħir tal-arċipelagu, Malta ġiet ikklassifikata bħala żona vulnerabbli għan-nitrati. Studji jixhdu li l-agrikoltura tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. Ir-raġuni ewlenija għal dan hu l-użu ta' fertilizzanti organiċi bħad-demel, kif ukoll l-użu ta' fertilizzanti inorganiċi. Minbarra l-agrikoltura, ġew identifikati sorsi oħra ta' kontaminazzjoni tan-nitrati, bħat-tnixxija tad-dranaġġ u t-tniġġis tal-arja.



Hekk kif Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea, bħal kull membru ieħor, kienet obbligata li tassigura konformità mad-Direttiva Dwar in-Nitrati 91/676/EEC. Din id-direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet li huma speċifiċi fejn jidħol il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati (demel organiku / demel likwidu u fertilizzant inorganiku) minn sorsi agrikoli. F'konformità ma' artiklu 12 tad-Direttiva li taqa' taħt l-Att ta' protezzjoni ambjentali, Malta daħlet fis-seħħ Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.66 li tipprovdi d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tikkonforma ma' din id-Direttiva.

Minbarra li jingħataw sessjonijiet ta' taħriġ lill-bdiewa kultant żmien, isiru wkoll spezzjonijiet biex jiġi assigurat illi l-bdiewa jkunu f'konformi mar-regolamenti relevanti. Ir-raħħala huma obbligati biex joħolqu demmiela u fosos għall-ħażna xierqa għal meta l-istaġun ikun magħluq, filwaqt li l-bdiewa ma jitħallewx jitfgħu demel u fertilizzanti inorganiċi fl-għelieqi, sabiex tiġi evitata t-tnixxija tan-nitrati. Barra minn hekk, ir-raħħala għandhom iżommu l-merħla tagħhom f'post imsaqqaf biex jitnaqqas ir-riskju li nitrat misjub fid-demel jinġarr mal-ilma tax-xita. Ta' kull sena, il-bdiewa u r-raħħala huma wkoll mitluba biex jippreżentaw rekords lill-uffiċjali fuq in-numru ta' bhejjem u fuq l-ammonti ta' fertilizzanti li jużaw fuq l-għelieqi tagħhom.

**Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti**

Regolamenti relatati mal-użu tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti jinstabu taħt *Statutory Management Requirements* (SMR) 10 fl-obbligi tal-*Cross Compliance*. L-importanza tal-kontroll tagħhom kemm fix-xiri, l-applikazzjoni, il-ħażna u l-użu fl-industrija agrikola hi prijorità. Dan sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' ħsara li jistgħu jħallu kemm fuq is-saħħa tal-bniedem, l-annimali u kif ukoll l-ambjent.

Sabiex bidwi jkun jista' japplika pestiċida fir-raba' tiegħu, dan għandu bżonn li jkollu liċenzja apposta u li tkun awtorizzata mill-Malta





Competition and Consumer Affairs Authority. Din tinħareġ wara li l-bidwi jkun attenda kors fuq is-suġġett. Kull pestiċida għandha użu speċifiku, skont il-kontenut indikat fuq it-tikketta tal-pakkett jew kontenitur. Formoli apposta li jżommu rendikont tal-applikazzjoni, id-doża, in-numru tal-għalqa, il-prodott agrikolu li fuqu ġie applikat il-pestiċida u l-infestazzjoni misjuba fl-għalqa jgħinu sabiex ikun hemm moniteraġġ komplut li jassigura l-ħarsien tal-konsum tal-prodotti mkabbra lokalment.

Il-ħażna tal-pestiċidi għandha tkun konformi mar-regoli imposti fl-SMR 10 fejn tobbliga lill-bidwi jagħmel użu tajjeb u jaħżen b'mod sodisfaċenti u adegwat dawn il-prodotti. Fost dawn il-miżuri nsibu li l-pestiċidi għandhom jinħażnu fil-kontenitur oriġinali tagħhom, li ma jnixxux, u li jkollhom tikketta li tagħti informazzjoni dwar il-prodott kemm bil-Malti u kif ukoll bl-Ingliż. Id-dożi u r-rata tal-applikazzjoni tagħhom għandha tiġi osservata u kull bidwi għandu jkollu l-materjal u l-apparat meħtieġ bħall-miżien u oġġetti oħra li permezz tagħhom titkejjel id-doża tal-pestiċida jew erbiċida, hekk kif indikata fuq it-tikketta tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Ma jonqosx li l-bidwi jilbes ilbies apposta, li jinkludi l-użu tal-maskla li jipprevenilu milli jkollu kuntatt dirett ta' dawn il-kimiċi mal-ġilda, l-għajnejn jew saħansitra jkun espost li jibla' partiċelli matul l-applikazzjoni tagħhom. F'kaz ta' riħ qawwi, il-bidwi m'għandu qatt japplika pestiċida minħabba li l-effett tagħhom jonqos u jistgħu jikkawżaw ħsarat lil-bijodiversità tal-madwar.

It-tagħmir li jintuża sabiex dawn il-prodotti jkunu jistgħu jiġu applikati fl-għalqa għandhom jinżammu fi stat tajjeb u nodfa minn residwi billi jitnaddfu tajjeb wara kull applikazzjoni. Il-pestiċidi għandhom jinħażnu fil-loker tal-ħadid jew plastik li jissakkar. L-aċċess tiegħu għandu jkun limitat u l-bogħod mill-elementi naturali bħal xemx diretta jew xita. Fuq il-loker il-bidwi għandu jkollu tabelli li jindikaw li hemm prodotti tossiċi, flimkien man-numru tal-emergenza: 112.

Kontenituri vojta għandhom jittieħdu f'Ċentri għall-Immaniġġjar tal-iskart sabiex il-kontroll ta' dawn il-prodotti jkun wieħed kontinwu u b'hekk jiġi assigurat il-ħarsien tal-prodott minn danni li jistgħu jkunu irrevokabbli. Iċ-ċentri li jilqgħu dan l-iskart huma: Ħal Far, il-Magħtab, Ħal Luqa u x-Xewkija Għawdex. Dawn ikunu miftuħa mit-Tnejn sal-Ħadd bejn is-17:30 u l-19:30, Ħdud u festi pubbliċi inklużi.

L-użu ta' dawn il-prodotti għandu jkun applikat b'kawtela. Il-bidwi għandu jżomm ruħu aġġornat dwar il-validità tal-użu ta' dawn il-prodotti hekk kif minn żmien għal żmien jista' jkun hemm xi bidla fil-lista ta' liema prodotti jistgħu jiġu applikati u oħrajn li l-użu tagħhom ma jibqax awtorizzat u għalhekk il-bidwi għandu jiddisponi minnhom f'wieħed miċ-ċentri magħżula. Informazzjoni dwar liema prodotti jistgħu jiġu applikati u dawk li ġew revokati tinstab fuq il-paġna tal-MCCAA billi tidħol fis-sit http://www.mccaa.org.mt.

Tistgħu wkoll tagħmlu kuntatt mal-uffiċċju fi ħdan id-Dipartiment tal-Agrikoltura, AgriConnect, fejn uffiċjali mħarrġa f'dan il-qasam ikunu jistgħu jagħtukom l-informazzjoni neċessarja u b'hekk tingħataw għajnuna relatata mar-regolamenti marbuta mal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti. Dawk kollha interessati jistgħu jċemplu fuq in-numri 21804981/2/4 jew iżuruna permezz tas-sit informattiv tagħna fuq agriconnect.gov.mt.





## Regolament (EU) 2019/6

# Liġi Ġdida tal-UE Rigward il-Mediċina Veterinarja

F'rivisti preċedenti ta' Nisġet Artna semmejna kif id-dinja kollha qed tħabbel moħħha kif tnaqqas l-użu mhux prudenti tal-antibijotiċi ħalli tippreserva l-effettività tagħhom.

F'dan l-artiklu se nagħtu sommarju tal-liġi ġdida tal-UE (Regolament UE 2019/6) li se tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2022.

Din il-liġi hija strument ewlieni biex l-UE tirregola l-użu tal-mediċina fl-annimali, tiġġieled il-mard u l-konsegwenzi tagħhom, fosthom biex trażżan il-fenomenu tar-reżistenza għall-antibijotiċi.

Skont ir-rapport JIACRA tal-2017, fl-UE il-maġġoranza tal-antibijotiċi huma użati fl-annimali u għalhekk huwa importanti li l-kontrolli jsiru sewwa wkoll fil-qasam veterinarju.

### X'inhuma l-għanijiet ewlenin tal-liġi l-ġdida?

- tipprovdi qafas legali innovattiv u adattat li jimxi mal-progress xjentifiku;
- toffri inċentivi li jistimulaw innovazzjoni fil-qasam tal-mediċina veterinarja;
- iżżid id-disponibbiltà tal-mediċina veterinarja fir-realtà ekonomika, eżempju fi stati membri żgħar;
- issaħħaħ l-azzjoni tal-UE biex tiġġieled ir-reżistenza għall-antibijotiċi u r-residwi tal-mediċini fi prodotti li ġejjin mill-annimali;
- tħares is-saħħa u l-benesseri tal-annimali kif ukoll tal-bnedmin waqt li tipproteġi l-ambjent.

### X'inhuma l-punti ewlenin tal-liġi l-ġdida fir-rigward tal-antibijotiċi?

Il-liġi l-ġdida tirrifletti l-prijoritajiet stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni Ewropew fuq ir-reżistenza għall-antibijotiċi (AMR) ibbażat fuq il-prinċipju ta' 'Saħħa Waħda' (One Health) adottat f'Ġunju 2017 mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-prinċipju ta' 'Saħħa Waħda' jirrikonoxxi l-interkonnessjoni bejn is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u dak tal-ambjent.

Fost il-ħafna miżuri importanti li nsibu fir-regolament 2019/6, insibu dawn li ġejjin:

- sar projbit l-użu preventiv ta' antibijotiċi (anke permezz ta' għalf medikat);
- ġew introdotti restrizzjonijiet fuq l-użu metafilattiku u profilattiku tal-antibijotiċi;
- ġiet imsaħħa l-projbizzjoni fuq l-użu tal-antibijotiċi fl-annimali biex jismnu;
- żdiedet il-possibbiltà li l-UE tirriserva ċerti antibijotiċi għall-bnedmin biss sabiex tippreserva l-effettività tagħhom;
- ġie inkuż ir-rekwiżit li għall-esportazzjonijiet ta' prodotti li ġejjin mill-annimali lejn l-UE minn pajjiżi terzi, dawn tal-aħħar se jkunu mitluba sabiex jinkludu l-istess restrizzjonijiet fuq antibijotiċi bħal dawk tal-UE;
- sar obbligatorju li kull stat membru jiġbor dejta dwar il-bejgħ u l-użu tal-antibijotiċi veterinarji;
- se jkun hemm awditjat mill-Kummissjoni Ewropea fuq kull stat membru rigward l-obbligi relatati mas-sistemi ta' kontrolli fuq il-monitoraġġ, bejgħ, distribuzzjoni u użu tal-mediċina veterinarja.

### X'miżuri hemm fil-liġi l-ġdida biex titjieb id-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali veterinarji?

Fost il-fatturi maħsuba biex jistimulaw l-innovazzjoni u l-kompetittività hemm dawn li ġejjin:

- simplifikazzjoni tal-proċedura ta' valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex tiġi awtorizzata mediċina veterinarja;
- estensjoni tal-perjodi ta' protezzjoni fuq is-suq biex jistimulaw l-iżvilupp u investimenti. Eżempju wieħed ta' dan huwa li jridu jgħaddu 18-il sena sakemm kumpaniji differenti jkunu jistgħu jikkupjaw antibijotiċi maħluqa ġodda;
- l-estensjoni tal-perjodi ta' protezzjoni għall-iżvilupp ta' mediċini veterinarji ġodda





għal mard rari u għal speċi minuri, ngħidu aħna n-naħal;
- regoli adegwati għal mediċini bijoloġiċi u ta' terapiji ġodda;
- il-ftuħ tal-proċedura tal-awtorizzazzjoni ċentralizzata għal kwalunkwe mediċina veterinarja u mhux kif qiegħda bħalissa għal għażla limitata ta' mediċina. L-awtorizzazzjoni ċentralizzata hija mixtieqa ħafna mill-kumpaniji għax din tkun valida mal-UE kollha.
- awtorizzazzjoni tal-mediċini veterinarji f'ċirkostanzi eċċezzjonali.

**X'sar fil-qafas legali li jista' jitqies bħala innovattiv?**
- iddaħħlu proviżjonijiet fuq vaċċini awtologi (awtoġeni). Dawn huma vaċċini magħmulin apposta għall-irziezet u għal tipi ta' batterji li jinsabu speċifikament fihom;
- iddaħħlu rekwiżiti flessibbli fuq it-tikkettar bħal meta dawn jistgħu jkunu b'diversi lingwi, anke jekk dan ma jinkludix il-lingwa tal-istat membru;
- se jiġu adattati sistemi aktar sempliċi fejn tidħol l-awtorizzazzjoni;
- inħolqot database Ewropea b'aċċess għall-pubbliku li fiha lista tal-mediċini veterinarji kollha li huma awtorizzati fl-EU;
- saru regoli li huma l-istess f'kull stat membru fuq id-distribuzzjoni bl-ingrossa, riċetta veterinarja, bejgħ, żamma ta' rekords, clinical trials u parallel trade.
- tfasslet sistema ta' farmakoviġilanza effiċjenti bbażata fuq assessjar tar-riskju u mhux fuq sistemi ta' rutina.

**X'inhu s-sinifikat tal-liġi l-ġdida fuq livell globali fil-kuntest tar-reżistenza għall-antibijotiċi?**
L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa tal-Annimali (OIE) sabet li minn 130 pajjiż li vvalutat waqt riċerka, aktar minn 85% minnhom m'għandhomx liġijiet fuq l-użu, importazzjoni, manifattura u distribuzzjoni ta' mediċini veterinarji. Dan jgħodd ukoll għall-antibijotiċi (Rapport Annwali 2016 tal-OIE dwar l-użu tal-antibijotiċi fl-annimali).

Bir-regolament il-ġdid bosta pajjiżi terzi li jinnegozjaw mal-UE jridu jikkonformaw mal-istess regoli wkoll biex ikunu jistgħu jibqgħu jinnegozjaw mal-UE. Dan jgħin ħafna ħalli l-istandards għoljin tal-UE jiġu esportati.

**X'inhuma l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni relatati mal-AMR kif jikkonformaw mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)?**
Bir-regolament il-ġdid tal-UE ser jiġu applikati regoli stretti għall-operaturi fl-UE milli għall-operaturi f'pajjiżi terzi.

Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea ser tkun qed tistabbilixxi regoli dettaljati dwar kif tapplika d-dispożizzjonijiet tal-importazzjoni permezz ta' att delegat, li għandu jkun kompatibbli ma' ftehim internazzjonali (inklużi l-obbligi tal-WTO). Ir-regoli dettaljati ser ikunu legalment sodi, proporzjonati, mhux diskriminatorji u bbażati fuq evidenza xjentifika.

**Il-liġi l-ġdida ser tieħu post il-liġi nazzjonali li hawn bħalissa?**
Il-liġi nazzjonali li qiegħda fis-seħħ bħalissa, ċoè r-Regolamenti dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 437.47, preżentement, tirrifletti d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/82/EC. Meta Regolament (EU) 2019/6 jidħol fis-seħħ, ir-regolamenti li jaqgħu taħtu ser jiġu direttament applikabbli għall-istati membri kollha tal-UE u għaldaqstant ikun jeħtieġ illi l-liġi nazzjonali dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji tiġi emendata skont kif meħtieġ. Dan jgħodd l-iżjed għal dawk ir-regolamenti li jkunu uniċi u possibilment differenti f'kull stat membru, bħal pereżempju, mhux f'kull stat membru huwa biss il-veterinarju li jista' jikteb riċetta veterinarja. Ċerti stati membri jistgħu jippermettu li mediċini veterinarji b'riċetta jinbiegħu online, waqt li oħrajn jistgħu jagħmluha illegali.

Eżempju ieħor huwa fejn jidħlu l-penali peress illi mhux kull stat membru jagħti l-istess penali għall-ksur tal-istess regolament.



# Skema ta' Kumpens għal Sajd Sostenibbli

Kitba ta'
**DWAYNE CAMILLERI**
*Assistant Manager fid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura*

**F'Ġunju li għadda l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali ħabbar li ser iniedi Skema ta' Kumpens għal Sajd Sostenibbli għas-sajjieda li għandhom il-liċenzja MFA jew MFB.**



Photo: DOI - Clifton Fenech

L-iskema kienet miftuħa sal-15 ta' Settembru 2021 u kien hemm mal-41 sajjied li applika u li ser jibbenefika minn din l-iskema.

Inħass il-bżonn li ssir din it-tip ta' skema biex tinkoraġġixxi s-sajjieda jadottaw metodi ta' sajd sostenibbli. Dan għaliex huwa importanti li nibżgħu għall-ambjent marittimu. Barra minn hekk, l-iskema ta' Kumpens għal Sajd Sostenibbli qed tiġi proposta f'konformità mal-miżura tal-baġit – *"Se nkunu qed nagħtu grants fuq il-bejgħ tal-prodotti li l-bdiewa u s-sajjieda, ibigħu fil-pitkalija u fil-pixkerija."* Dan għaliex, biex tkun eliġibbli, is-sajjied irid ibigħ minn tal-inqas 25% tal-qabda li nħattu l-art bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2021 fil-pixkerija.

F'konferenza stampa, il-Ministru Refalo ħabbar li ġew allokati madwar €350,000 mill-Fond Nazzjonali biex is-sajjieda jkunu jistgħu jibbenefikaw minn żewġ tipi ta' assistenza. Taħt l-ewwel għażla, is-sajjieda jistgħu jibbenefikaw sa massimu ta' €700 għal kull bastiment fuq xiri ta' rkapti li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent bħal: pingers, ħabel tal-qanneb, parili tas-sajd bil-malja minn 33mm 'il fuq, ganċijiet taċ-ċirku, linji tas-sajd bijodegredabbli u piżijiet tas-sajd mhux tossiċi. Taħt it-tieni għażla, is-sajjieda jistgħu jibbenefikaw jekk jiddeċiedu li jnaqqsu s-saħħa tal-magna ewlenija tal-bastiment jew jirreġistraw magna ġdida mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura b'inqas saħħa mill-magna preċedenti. Is-sajjieda eleġibbli li applikaw taħt it-tieni għażla ser ikunu intitolati għal pagament fis-sena għal ħames snin konsekuttivi skont l-ammont tat-tnaqqis fis-saħħa tal-magna.

Din l-iskema hija pass ieħor fil-mixja lejn settur tas-sajd sostenibbli billi jassisti u jgħin lis-sajjieda jadottaw metodi ta' sajd sostenibbli. Taħt l-ewwel għażla, il-Gvern qed jinkoraġġixxi lis-sajjieda jużaw ċertu tip ta' rkapti biex ma jinqabadx ħut li ma jkunx għadu żviluppa filwaqt li taħt it-tieni għażla, il-Gvern qed jassisti lis-sajjieda biex inaqqsu s-saħħa tal-magna ewlenija tal-bastiment sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tossiċi li jmorru fil-baħar.

# Is-Siġra tal-Milied

Is-siġra taż-Żnuber ilha tintuża tradizzjonalment biex tiċċelebra l-festival tax-xitwa, kemm dawk pagani u nsara, għal eluf ta' snin. Il-pagani kienu jużaw il-friegħi tagħha biex iżejnu djarhom matul iż-żmien tax-xitwa, għaliex tfakkarhom fir-rebbiegħa li ġejja. Ir-Rumani kienu jużaw is-siġar taż-Żnuber biex iżejnu t-tempji tagħhom fil-festa ta' Saturnalia — festa simili għall-mod ta' kif niċċelebraw il-Milied fejn kienu jorganizzaw ikliet kbar u jingħataw ir-rigali. Il-Kristjani jużawha bħala sinjal ta' ħajja ta' dejjem m'Alla.

Ħadd mhu ċert mija fil-mija meta s-siġar taż-Żnuber intużaw għall-ewwel darba bħala siġar tal-Milied. Probabbilment bdew jintużaw madwar 1000 sena ilu fl-Ewropa ta' Fuq. Ħafna siġar tal-Milied tal-bidu kienu jiġu mdendla rashom 'l isfel mis-saqaf bl-użu ta' ktajjen imdendla minn linef u ganċijiet tad-dawl.

Siġar tal-Milied oħrajn tal-bidu, f'ħafna partijiet tat-Tramuntana tal-Ewropa, kienu jużaw pjanti taċ-ċirasa jew taż-żagħrun (jew fergħa tal-pjanta) li tqiegħdu fil-qsari u nġiebu ġewwa bit-tama li jiffjorixxu fi żmien il-Milied. Jekk ma kienx ikollhom flus sabiex jixtru pjanta ta' vera, in-nies ta' dak iż-żmien kienu jagħmlu piramidi taz-zkuk u l-injam li kienu jżejnu bil-karti, tuffieħ u xemgħat biex jidhru bħal siġra. Kultant kienu jinġarru minn dar għal dar, aktar milli jintwerew f'dar.

Huwa possibbli li l-piramida tal-injam kienet tirrappreżenta lis-siġra tal-Ġnien tal-Eden. Dawn kienu jintużaw fid-drammi tal-knisja Ġermaniża Medjevali, jew kif kienu jissejħu Drammi Mirakolużi li kienu jsiru quddiem il-knejjes lejliet il-Milied. Fil-kalendarji bikrin tal-knisja tal-qaddisin, l-24 ta' Diċembru kien il-jum ta' Adam u Eva. Is-Siġra tal-Ġnien tal-Eden kienet tfakkarhom f'Adam u Eva. Ħafna drabi kienet iddur dawra madwar il-belt qabel ma jibda d-dramm, bħala mod ta' reklamar tad-dramm. Fid-drammi kienu jiġu rrakkontati stejjer tal-Bibbja lil nies li ma kienux jafu jaqraw.

L-ewwel persuna li ġab siġra tal-Milied ġo dar, bil-mod kif nafuha llum, seta' kien il-predikatur Ġermaniż tas-seklu 16 Martin Luther. Jingħad storja li, lejl qabel il-Milied, kien miexi

## Krafts - Siġra Żgħira tal-Milied




L-ewwel pass: aqta' rettangolu bil-kartonċina ħadra u itwiha bħal akkordjun.




It-tieni pass: aqbad stejpler u użaha biex tagħlaq tarf wieħed mill-akkordjun. Hekk l-akkordjun se jinfetaħ u jsir siġra.




It-tielet pass: Aqta' ċrieki u stilel mill-kartonċini ta' kuluri differenti u waħħalhom fuq is-siġra.



fil-foresta u ħares 'il fuq u ra l-istilel jiddu mill-friegħi tas-siġar. Tant kienet sigra sabiħa bl-istilel, li mar id-dar u qal lil uliedu li fakkritu f'Ġesù, li ħalla l-istilel tas-sema biex jiġi fuq l-art fil-Milied.

Fil-Ġermanja, l-ewwel siġar tal-Milied kienu mżejna b'affarijiet li jittieklu, bħal biskuttini tal-ġinġer u tuffieħ miksi bid-deheb. Biż-żmien, produtturi tal-ħġieġ għamlu ornamenti żgħar speċjali simili għal uħud mid-dekorazzjonijiet użati llum."

Tfal, issa li qrajtu dwar is-siġra tal-Milied, tistgħu tidħlu biċ-ċans li tirbħu **voucher ta' €20** li jista' jissarraf fi ktieb/kotba ġentilment mogħtija minn Calleja Secondstep. Dan tistgħu tagħmluh billi twieġbu tajjeb għall-mistoqsija li hawn iktar 'l isfel. Din il-kompetizzjoni hi miftuħa għal dawk ta' età sa mhux aktar minn 12-il sena. Ir-rebbieħ jittella' bil-polza minn fost dawk li jkunu bagħtu tweġiba tajba.

**Mistoqsija:**

## F'liema seklu ddaħlet is-siġra tal-Milied fid-djar kif nafuha llum?

Ibgħat it-tweġiba tiegħek flimkien ma' ismek, kunjomok, id-data tat-twelid, numru tat-telefown u l-indirizz jew permezz ta' imejl fuq **nisgetartna.mafa@gov.mt** jew bil-posta – **Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Reasearch and Innovation Hub, L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303**, sa mhux aktar tard mit-**30 ta' Jannar 2022**.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni ta' Nisġet artna Ħarifa hu Angelo Magro.




GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI